MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 453/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Julian Cutajar**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Fl-10 ta’ April, 2010 ghall-habta tal-11 am fl-inhawi ta’ Attard zamm u/jew garr arma tan-nar minghajr ma din kienet registrata mal-Kummissarju tal-Pulizija.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi akkwista jew gie f’idejh xi arma tan-nar, jew munizzjon xort’ ohra milli b’ licenzja u naqas li minnufih javza lill-Kummissarju.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien ghal-kacca waqt stagun maghluq.

Il-Qorti giet mitluba li kemm il-darba ssib htija tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti kif ukoll li l-imputat ma jkunx jista jottjeni licenzja tal-armi ghall-zmien ta' mhux inqas minn sena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Ottubru, 2010 fejn wara li rat l-artikoli 5 u 41 tal-Kapitolu 480, u r-Regolament 12(1) tal-L.S. 435.68 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill- imputat hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi u kkundannatu multa ta' erba' mitt ewro (€400). Ma sabitux hati tat-tielet (3) akkuza u illiberatu minnha.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Ottubru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-appellant mit-tielet imputazzjoni u cioe` mill-akkuza li fl-10 ta' April, 2010 ghall-habta tal-11 am fl-inhawi ta' Attard kien ghal- kacca waqt stagun maghluq, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel zewg akkuzi u b' hekk tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

1. Dak l-hekk imsejha 'arma tan-nar' fl-ebda mument ma giet ipprezentata, lanqas formalment, mill-Prosekuzjoni waqt is-smiegh tal-kawza u ghalhekk certament illi l-prova tal-arma tan-nar ma saritx. Konsegwentement l-appellant fin-nuqqas ta' din il-prova fundamentali ma seta` qatt jinstab hati tal-ewwel zewg akkuzi. Lanqas ma biss giet esebit r-ricevuta numru 0002569 li PS633 Frankie Sammut li xehed permezz tal-procedura tal-affidavit qal illi nharget ghal din l-hekk imsejha arma tan-nar. Ghalhekk ma saret ebda prova ta' xejn u l-ewwel zewg akkuzi certament li ma gewx ippruvati li hinn minn kull dubju ragjonevoli.

2. Li bin-nuqqas tal-prezenza imqar formali ta' din l-hekk imsejha 'arma tan-nar' jew tal-inqas tar-ricevuta mahruga mill-istess Pulizija meta din l-hekk imsejha 'arma tan-nar' giet elevata, zgur li lanqas ma gie sodisfatt il-

principju illi fi procduri kriminali l-Prosekuzjoni hija fid-dmir li tipprezenta u ggib l-aqwa prova – best evidence rule.

3. Illi f’ dak il-mument dak li kellu fuqu l-appellant ma kienx jikkostitwixxi arma tan-nar. L-appellant ma kellu xejn fuqu ghajr varji parts illi jekk jigu mmontati lkoll flimkien kif suppost minn persuna tal-mestier jistghu jigu trasformati f’ arma tan-nar – pero zgur li f’ dak il-mument tali varji partijiet ma jistax jinghad illi kienu jikkostitwixxu ‘arma tan-nar’ fl-istess li kienu fih f’ dak il-mument.

4. Illi ma saret ebda prova – u dan qed jinghad in rigwar tat-tieni akkuza – illi l-appellant akkwista din l-hekk imsejha arma tan-nar f’ dak il-mument. Lanqas ma saret ebda prova b’kull rispett illi din l-hekk imsejha arma tan-nar ma kinitx licenzjata. Di piu l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, ghalkemm differenti minn xulxin, huma alternattivi ghal xulxin ghaliex l-actus reus ta’ wahda huwa ezattament identiku bhall actus reus u ghalhekk l-appellant ma kellux jigi misjub hati taz-zewg imputazzjonijiet flimkien.

Rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant.

Ikkunsidrat.
Irrizulta mill-provi illi fl-10 ta’ April, 2010 ghall- habta tal-11:00 ta’ filghodu waqt li l-pulizija kienu fir-ronda f’Wied is-Sewda fil-limiti ta’ Hal Qormi PC 1273 induna b’persuna li kellu kanna f’idjeha u giethom suspett li seta’ kien hemm xi haga mhux legali, aktar u aktar meta din il-persuna kif ra l-pulizija rema’ din il-kanna fil-haxix. Ghalhekk il-pulizija waqfu din il-persuna u rrizulta li kienet l-appellant Julian Cutajar residenti Triq Hal Qormi, H’Attard u fil-haxix sabu kanna illi setghet tintuza bhala arma tan-nar. Irrizulta illi l-appellant ma kellux licenzja biex izomm jew igorr dik l-arma partikulari, ghalhekk l-ewwel Qorti sabitu hati ta’ zewg imputazzjonijiet u kkundannatu ghal €400.

Ikkunsidrat.
L-appellant qieghed jilmenta illi l-Qorti bbazat il-gudizzju taghha biss fuq l-affidavit tas-surgent li ma jwasslux sal-grad ta' htija fil-kamp penali. Ilmenta illi din l-arma ma gietx esebita l-Qorti u rrifera ghal "best evidence rule" li tfisser li fjen l-ahjar prova tista tingieb allura l-Prosekuzzjoni ghandha ggibha. Skont l-appellant il-kanna ma kienet arma tan-nar regolari imma kienet kanna modifikata, ma kkontestax il-fatt illi meta gie avvicinat mill-pulizija rema din il-kanna jew arma fil-ghalqa.

Ikkunsidrat.
Il-"best evidence rule" hija riprodotta fil-Ligi taghna fl-Artiklu 638 tal-Kap 9 fejn is-sub Artiklu 1 jghid: "Bhala regola ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma tithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti". Dan l-Artiklu jibda bil-kliem, "Bhala regola", dana ma jfissirx illi ghandu jsir hekk kull darba illi l-Prosekuzzjoni jkollha xi provi izda jkun desiderabli illi jsir hekk. Jekk il-Prosekuzzjoni zzom lura xi prova ghal xi raguni jew ohra dana jista jippregudika biss l-kaz taghha, pero' ma jfissirx illi b'daqshekk m'ghandiex taghti kaz il-provi l-ohra li tkunu gabu. Ghalhekk jekk il-Prosekuzzjoni jidhrilha illi mill-provi li resqet ghandha bizzejjed biex ikollha kundanna, allura f'dan il-kaz tista tieqaf hemm u ma toqghodx tghabbi lill-Qorti b'pizijied zejda. Ghal dak li jirrigwardja l-gudizzju fuq ix-xhieda tas-surgent wiehed anke hawnhekk il-Qorti ghandha r-regoli taghha fejn fl-istess Artiklu 638 (2) jghid; "B'dan kollu, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompjuta minn kollox, daqskemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar".

Il-Qorti tal-Magistrati dehrilha illi x-xhieda tas-surgent kienet xhieda ta' min toqghod fuqha u emmnitha, ma hemm xejn hazin dan, il-Ligi tirrikonoxxi illi dana jista jsir fejn allura sewwa ghamlet il-Qorti illi qaghdet fuq dan ix-xhud u tat il-gudizzju taghha. fl-ahhar nett, il-principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali huwa li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik

il-Qorti setghet ragunevalment u legalment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha. Din il-Qorti ghamlet dan l-ezercizzju u ssib illi mil-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti setghet tasal ghal dik il-konkluzjoni u ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba dik id-deskrizzjoni.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------